

31993R0719

L 74/47

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

27.3.1993

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 719/93  
tal-25 ta' Marzu 1993  
dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/93 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni<sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 558/87<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Maqgħuda annessa ma' l-imsemmi Regolament, jeħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u dawn ir-regoli jaapplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija għal kollox jew fparti bażata fuqha jew li żżidilha kull suddiżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b-disposizzjonijiet spċifici tal-Komunità, biex tgħodd it-tariffa jew miżura oħra dwar il-kummerċ fl-oġġetti;

Billi bis-sahħha ta' l-imsemija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-sahħha tar-raġunijiet mfissra fil-kolonna 3;

Billi huwa xieraq li, l-informazzjoni li torbot fuq it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-nomenklatura maqgħuda u li ma jikkonformaw mad-drittijiet stabiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jibgħu jkunu invokati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90<sup>(3)</sup>, kif

emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2674/92<sup>(4)</sup>, għall-perjodu ta' tliet xħur mid-detentur jekk kuntratt li jorbot ġie konkluż kif hemm maħsub fl-Artikolu 14(3) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90<sup>(5)</sup>;

Billi l-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma kklassifikati fin-Nomenklatura Maqgħuda taħt il-kodiċijiet NM indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemija tabella.

**Artikolu 2**

L-informazzjoni li torbot fuq it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jkunu invokati bis-sahħha tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għall-perjodu ta' tliet xħur mid-detentur jekk kuntratt li jorbot ġie konkluż kif hemm maħsub fl-Artikolu 14(3) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90.

**Artikolu 3**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum ta' wara l-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Marzu 1993.

*Għall-Kummissjoni*

*Christiane SCRIVENER*

*Membru tal-Kummissjoni*

(<sup>1</sup>) ĠU L 256, tas-7.9.1987, pg. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 58, tal-11.3.1993, pg. 50.

(<sup>3</sup>) ĠU L 365, tat-28.12.1990, pg. 17.

(<sup>4</sup>) ĠU L 271, tas-16.9.1992, pg. 5.

(<sup>5</sup>) ĠU L 160, tas-26.6.1990, pg. 1.

## ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikaz- zjoni Kodiċi NM	Raġuni
1	2	3
Ġobon emmentaler fbiċċiet iffurmati madwar 3 mm wisa', anqas minn 1 mm ħoxnin u ta' diversi tulijiet, ġeneralment ma jaqbżux 10 nm.	0406 20 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-Regoli Ġeneral 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 0406, 0406 20 u 0406 20 90.</p> <p>Minħabba l-forma tal-biċċiet tal-ġobon, il-prodott jitqies bħala ġobon maħkuk.</p>